MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-10 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 10/2022 LM

**Mary Farrugia (K.I. 428559M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('id-Direttur Ġenerali appellat')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Mary Farrugia (K.I. 428559M)**, [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tal-5 ta' Awwissu, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Arbitru ċaħad l-appell tar-rikorrenti mid-deċiżjoni tad-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [hawnhekk 'l-appellat']

tal-12 ta' Novembru, 2020 li kien iddeċieda li mhijiex intitolata għall-Pensjoni tal-Età (Non-Kontributorja).

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti ressqet appell quddiem l-Arbitru, wara li fit-12 ta' Novembru, 2020, hija ġiet infurmata li ma tissodisfax il-kriterji rikjesti mil-liġi sabiex tikkwalifika għall-Pensjoni tal-Età (Mhux Kontributorja), u dan għaliex skont id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali, ir-riżorsi kapitali tar-rikorrenti jeċċedu l-massimu stabbilit mit-Test tal-Mezzi kif provdut fit-Tieni Skeda tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, jew inkella rriżulta li r-rikorrenti ddisponiet minn kapital tagħha sabiex tkun tista' tikkwalifika għal tali benefiċċju. Fir-rikors tal-appell tagħha, ir-rikorrenti spjegat li hija ilha diversi snin tbati minn kundizzjoni prekarja ta' saħħa, u llum il-ġurnata hija *bed-ridden.* Qalet li hija kontinwament tiddependi minn uliedha għall-bżonnijiet bażiċi tagħha ta' kuljum, u għalhekk il-kundizzjoni finanzjarja tagħha hija waħda prekarja għall-aħħar, anki għaliex mhux possibbli għaliha li taħdem u tiġġenera introjtu għaliha nnifisha. Qalet li hija kienet kostretta tittrasferixxi sehem minn proprjetajiet li wirtet, b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli favur uliedha għaliex hija ma felħitx tħallas l-ispejjeż u t-taxxi relattivi għall-atti dikjaratorji *causa mortis,* kif ukoll għaliex riedet trodd lura parti mill-ispejjeż kbar li jagħmlu uliedha sabiex iduru biha. Qalet li hija qatt ma setgħet tbiegħ dawn il-proprjetajiet waħedha għaliex kellha biss ishma ta' porzjonijiet indiviżi flimkien ma' komproprjetarji oħra li ma kinux disposti li jbiegħu s-sehem tagħhom minn dawn il-proprjetajiet.

3. Ir-rikorrenti spjegat li l-Paragrafu I ta' Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 jirregola l-mod kif irid isir it-test tal-mezzi sabiex persuna titqies li hija intitolata għall-Pensjoni tal-Età (Mhux Kontributorja) għall-finijiet tal-artikolu 66 tal-Kap. 318, u din it-taqsima tal-liġi titlob li fil-kalkolu tal-mezzi għandha titqies kull proprjetà mqiegħda fi *trust,* dħul jew privileġġ skont il-paragrafu 1 tat-Taqsima I tat-Tieni Skeda. Qalet li meta dawn il-limiti jinqabżu, il-persuna titqies li mhijiex intitolata għal dik il-pensjoni, u fil-kalkolu tat-test tal-mezzi, il-limiti huma ta' €14,000 fil-każ ta' persuna waħedha, armla jew armel, jew ta' €23,300 fil-każ ta' persuna miżżewġa. Qalet li *ai termini* tal-Paragrafu 3 tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda, kull proprjetà jew dħul li għandhom ikunu kkalkulati għall-finijiet ta' din it-Taqsima għandhom jinkludu kull proprjetà jew dħul li l-persuna kkonċernata tkun direttament jew indirettament ċaħħdet lilha nnifisha minnhom sabiex ikollha jedd għall-Pensjoni tal-Età (Mhux Kontributorja), jew sabiex ikollha rata aktar vantaġġuża. Ir-rikorrenti qalet li meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi preżenti tagħha, wieħed m'għandux jasal għall-konklużjoni li hija ma tissodisfax il-kriterji tat-test tal-mezzi sabiex tkun eliġibbli għal din il-pensjoni, u saħqet li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) tat-12 ta' Novembru, 2020 ngħatat wara li dan ma ħax konjizzjoni taċ-ċirkostanzi materjali tagħha.

**<u>Mertu</u>**

4. Id-Direttur Ġenerali appellat fir-risposta tiegħu għamel riferiment għal żewġ deċiżjonijiet ta' din il-Qorti kif preseduta li ngħataw fis-7 ta' Mejju, 2021, bin-numru ta' riferenza 23/2020 u 24/2020. Spjega li r-rikorrenti kienet applikat

għal Pensjoni tal-Età (Mhux Kontributorja) fit-3 t'April, 2019, u din it-talba ġiet miċħuda għaliex minn investigazzjoni tad-Dipartiment irriżulta li l-mezzi kapitali tar-rikorrenti eċċedew l-iskala stabbilita skont il-Kap. 318, jiġifieri ta' €14,000, u b'żewġ atti notarili tal-20 ta' Novembru, 2015, ir-rikorrenti kienet tat żewġ proprjetajiet lil uliedha b'titolu ta' donazzjoni, u kien għalhekk li d-Direttur Ġenerali intimat ma kienx sodisfatt li dawn it-trasferimenti ma sarux sabiex hija tkun tista' tibbenefika mill-pensjoni in kwistjoni.

5. Bint ir-rikorrenti **Therese Desira** xehdet quddiem l-Arbitru fejn spjegat li ommha tbati mid-dipressjoni u ilha madwar ħmistax-il sena *bed-ridden.* Qalet li fiż-żmien meta ommha kienet tirċievi l-benefiċċji soċjali, hija kienet tixtri l-mediċini u l-affarijiet tal-ħajja, iżda l-ispejjeż l-oħra bħal ma huma l-kontijiet u spejjeż fid-dar kienu jieħdu ħsiebhom ix-xhud u ħuha. Qalet li hija tibbenefika mill-għajnuna għall-*carers,* u hija tieħu ħsieb tgħin lil ommha minn dawn il-flus li tirċievi.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-5 t'Awwissu, 2022, l-Arbitru ddeċieda dan l-appell b'dan il-mod:

> *"Ikkunsidra s-segwenti:*
>
> *Dan huwa appell minn deċiżjoni mogħtija mid-DSS datata 12.11.20 fejn id-DSS kien informa lill-appellanta li hi ma kinitx intitolata għall-pensjoni tal-età peress illi l-appellanta għaliex id-direttur ma kienx sodisfatt illi l-appellanta ma ddisponietx mill-kapital tagħha sabiex tibbenefika mill-pensjoni jew li l-kapital tagħha ma eċċediex l-iskala;*
>
> *Id-DSS irrisponda fis-sens li għamel riferenza għal żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) datati lkoll 7 ta' Mejju, 2021 Nru 23/20 u Nru 24/20*

*rispettivament konċernanti l-istess appellanta u għamel riferenza għall-fatt illi l-appellanta kienet tat b'donazzjoni proprjetajiet lil uliedha permezz ta' żewġ kuntratti lkoll datati 20 ta' Novembru, 2015.*

***Ikkunsidra:***

*Illi l-appellanta tistqarr illi tbati minn kundizzjonijiet mediċi u għandha sitwazzjoni finanzjarja prekarja u għalhekk hi kellha tagħmel donazzjonijiet favur uliedha għaliex ma felħitx tħallas it-taxxi relattivi għat-trasferiment* causa mortis *fuq l-istess u kif ukoll li hi, ma setgħetx tbiegħ dawn il-proprjetajiet waħedha peress li kien hemm ko-proprjetarji oħra;*

*Illi l-appellanta tistqarr ukoll li hi tikkwalifika ai fini tat-test tal-mezzi skont il-liġi sabiex tibbenefika minn dan il-benefiċċju;*

***Ikkunsidra:***

*Illi jirriżulta bl-aktar mod ampju illi l-aggravji mressqa f'dan l-appell min-naħa tal-appellanta ġew mistħarrġa fid-dettall mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) f'żewġ sentenzi li kienu jinvolvu lill-istess appellata lkoll datati s-7 ta' Mejju, 2021.*

***Ikkunsidra:***

*Illi l-Arbitru jabbraċċja bis-sħiħ sentenzi su-ċitati liema sentenzi jittrattaw il-mertu tal-appell odjern u l-Arbitru jinnota illi ma hemm l-ebda tibdil fiċ-ċirkostanzi li jimmeritaw illi l-Arbitru jiddipartixxi minn dak stabbilit f'dawn l-istess sentenzi;*

***Ikkunsidra:***

*Illi fil-fatt jirriżulta illi l-appellanta ttrasferiet a favur uliedha żewġ proprjetajiet sabiex b'hekk hi żvestiet ruħha minn kull proprjetà u ċaħħdet lilha nnifisha minn kapital li seta' jserviha minflok tirrikorri għal benefiċċji soċjali – il-fatt li hi għamlet dan sabiex ma tħallasx taxxa tas-suċċessjoni assolutament ma jagħtix konfort għall-fatt illi hi ttrasferiet l-istess proprjetajiet;*

*Illi dawn il-proprjetajiet kienu jiswew €132,000 fiż-żmien tad-donazzjoni u għalhekk hi ddisponiet mill-assi kapitali tagħha li kienu jeċċedu l-massimu stabbilit mill-Kap. 318;*

*Illi l-fatt illi l-appellanta għandha problemi ta' saħħa (li ċertament li wieħed jista' jagħdirhom) jew li kienet ko-proprjetarja ma jinfluwixxu xejn u ma jinnewtralizzawx il-fatt illi hi kellha kapital li kien jeċċedi l-massimu stabbilit mill-Kap. 318 u hi ċaħħdet lilha nnifisha minn dak il-kapital;*

*Illi lanqas il-fatt illi bint l-appellanta hija l-*carer *tagħha peress illi l-appellanta hija* bed-ridden *ma għandu impatt fuq id-drtt tal-appellanta sabiex tipperċepixxi l-għajnuna in kwistjoni.*

*Illi għalhekk huwa ċar illi l-appellanta ma tissodisfax it-test tal-mezzi hekk kif ikkonkluda d-DSS.*

***Deċiżjoni:***

*Fid-dawl ta' dan l-Arbitru jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni appellata."*

## L-Appell

7. L-appellanta ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni, u ressqet ir-rikors tal-appell minnha fid-9 ta' Settembru, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-5 t'Awwissu, 2022, u minflok tiddikjara li l-appellanta hija eliġibbli għall-Pensjoni tal-Età.

8. L-appellanta qalet li fil-każ odjern l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-provi, naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett, u għalhekk dan wassal għal ksur tad-drittijiet tagħha.

9. L-appellanta qalet li meta hija għalqet sittin sena, hija bdiet tirċievi Pensjoni tal-Età (Mhux Kontributorja), u baqgħet tagħmel dan sakemm id-Direttur Ġenerali appellat iddeċieda arbitrarjament li hija ma kinitx intotolata aktar għaliex hija ddisponiet mill-kapital tagħha sabiex tibbenefika mill-pensjoni, jew inkella kellha kapital li jeċċedi l-iskala stabbilita. Qalet li hija għanhda 62 sena, u kienet intitolata għall-Pensjoni għaliex hija ċittadina Maltija u tikkwalifika għat-test tal-mezzi. Qalet li hija tbati minn kundizzjonijiet mediċi u għalhekk għal diversi snin hija ma kinitx kapaċi tiġġenera introjtu għaliha nnifisha. Qalet ukoll li hija ilha legalment separata madwar erbgħin sena, u qatt

ma ġġenerat jew kienet kapaċi tiġġenera introjtu, u għalhekk dejjem kienet tiddependi fuq uliedha għas-sostenn finanzjarju tagħha. Qalet li s-sehem li hija wirtet minn proprjetajiet immobbli ma kinux komodament diviżibbli, u għalhekk l-unika għażla li kellha kienet li tittrasferixxi dan is-sehem indiviż favur uliedha sabiex tagħmel tajjeb għas-serviġi pprestati lilha tul is-snin. Qalet ukoll li hija tant kienet f'pożizzjoni finanzjarja prekarja, li hija lanqas setgħet tħallas it-taxxa *causa mortis* minħabba li ma kellhiex flus għad-disposizzjoni tagħha biex tagħmel dan. Qalet ukoll li d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali ma ressaq l-ebda prova li hija għandha xi kont bankarju b'saħħtu li jikkontradixxi l-pożizzjoni tagħha meta tgħid li hija m'għandhiex flus. L-appellanta qalet li hija ilha għal bosta snin tbati minn diversi problemi ta' saħħa, u uliedha kienu kostretti jieħdu ħsiebha f'darha minħabba li għandha problemi ta' mobbilità. Qalet ukoll li hija qatt ma kienet f'pożizzjoni li tħallas *carer* privatament. Qalet li d-deċiżjoni tal-Arbitru lilha ppreġudikata ferm, għaliex bħalissa hija qegħda tgħix mingħajr ebda dħul jew assistenza finanzjarja mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u tiddependi kompletament fuq uliedha għall-għajxien tagħha.

10. L-appellanta spjegat kif iddevolvew fuqha l-ishma indiviżi tal-proprjetajiet mill-wirt ta' missierha, u għal liema raġuni dawn il-proprjetajiet ma jistgħux jinbiegħu faċilment. Qalet li d-dar residenzjali tagħha hija tabita fiha flimkien ma' bintha, li hija l-*full-time carer* tagħha, u għalhekk din id-dar ma tistax tiġi likwidata għaliex jekk isir hekk hija tispiċċa mingħajr saqaf fuq rasha. Qalet li s-sehem ta' żewġ *maisonettes* fil-Mosta li hija wirtet ma jistax jinbiegħ lanqas għaliex f'dawn il-fondi hemm jgħixu inkwilini b'kirja protetta, u għalhekk ma setax jinstab il-bejgħ ta' dawn iż-żewġ *maisonettes* li fihom hemm jgħixu

inkwilini b'mod indefinit. Qalet li hija għaddiet lil binha sehem minn razzett fl-għelieqi li ukoll ma setax jiġi likwidat minħabba li binha juża dan ir-razzett bħala l-uniku mezz tal-għajxien tiegħu, u għaddiet ukoll żewġ garaxxijiet lil bintha, liema garaxxijiet kienu nbnew illegalment fis-snin sebgħin, u għalhekk ukoll ma jistgħux jinbiegħu. Qalet li għalhekk għandu jirriżulta li hija ma żvestietx ruħha mill-kapital tagħha kapriċċjożament.

11. B'riferiment għall-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta qalet li hija ma setgħetx tillikwida s-sehem indiviż tagħha sabiex jgħinha fil-bżonnijiet tagħha ta' kuljum. Qalet li hija ilha snin twal tiddependi fuq uliedha, u għalhekk hija kienet debitriċi tagħhom għas-servizzi, għall-ħin u għax-xiri ta' bżonnijiet minn flushom. Qalet li persuna li tippresta serviġi għandha dritt li tirċievi kumpens għar-raġuni li din tkun qegħda tagħti vantaġġ lill-persuna li tkun qegħda tirċievi dawk is-serviġi. Żiedet tgħid li bintha kienet kostretta li ma timpjegax ruħha ma' ħaddieħor u ma tiġġenerax introjtu għaliha u għal familtha sabiex tkun tista' ddur biha. L-appellanta qalet li l-aspettattiva ta' uliedha dejjem kienet li huma jitħallsu għas-serviġi li qegħdin jipprestaw lil ommhom, u l-intenzjoni tagħha dejjem kienet li hija tikkumpensa lil uliedha għal dak kollu li għamlu magħha. Qalet li meta ġie deċiż li hija ma tistax tillikwida l-kapital tagħha, kien hemm qbil li dawn jiġu kkumpensati bit-trasferiment favur tagħhom tal-porzjonijiet indiviżi tal-proprjetà in kwistjoni. L-appellanta żiedet tgħid li meta wieħed jikkonsidra n-natura tas-servizzi li jipprestawlha uliedha, u s-sagrifiċċji u t-tbatija li dawn jgħaddu minnhom, kif ukoll il-fatt li bintha ċċaħħdet minn introjtu ta' impjieg sabiex tkun tista' tassistiha, għandu jirriżulta li l-kapital in kwistjoni lanqas

m'huwa suffiċjenti biex jissodisfa d-debitu pretiż jew sabiex jagħmel tajjeb għas-servizzi reżi u li għadhom jiġu reżi liha.

12. Permezz tat-tieni aggravju tagħha l-appellanta qalet li l-Arbitru kien kontradittorju għall-aħħar meta qal li hija mhix intitolata għall-Pensjoni tal-Età għaliex ma kienx sodisfatt li hija ma ddisponietx mill-kapital tagħha. Qalet li hija kienet kostretta tagħmel dan, u fi kwalunkwe każ hija għamlet dan bħala ħlas għas-serviġi pprestati lilha tul ħajjitha. Qalet ukoll li d-Direttur Ġenerali appellat naqas milli jispjega kif u b'liema mod il-kapital tagħha eċċeda l-iskala, u dan jirrifletti l-fatt li kien hemm nuqqas ta' apprezzament xieraq tal-fatti veri u proprji mertu tal-proċeduri odjerni. L-appellanta qalet li għandu jsir riferiment għall-Paragrafu 1 tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola l-kalkoli tal-mezzi sabiex persuna tkun intitolata għall-Pensjoni tal-Età għall-finijiet tal-artikolu 66 tal-Kap. 318. Qalet li dan l-artikolu ma jirreferix għal persuni li huma legalment separati bħalha, iżda għal koppja miżżewġa, persuni romol jew persuni mhux miżżewġa. Qalet li hija ma tibbenefikax mill-pensjoni ta' żewġha u lanqas tirċievi xi forma ta' manteniment mingħandu. Qalet ukoll li l-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn proprjetarji u komproprjetarji, u lanqas ma tieħu konjizzjoni tal-qagħda jew tat-titolu tal-proprjetà. Qalet li kieku sar apprezzament taċ-ċirkostanzi tagħha, il-konklużjoni ma kinitx tkun li hija ma tissodisfax il-kriterji tat-test tal-mezzi, għaliex ir-riżorsi kapitali tagħha ma jeċċedux il-massimu stabbilit mit-Test tal-Mezzi, u lanqas m'għandu jirriżulta li hija ddisponiet mir-riżorsi kapitali tagħha b'mod kapriċċjuż li jippreKludiha milli tkun tista' tikkwalifika għall-Pensjoni tal-Età jew minn benefiċċji oħrajn. Qalet li kellu jirriżulta li hija ttrasferiet l-ishma fil-proprjetajiet sabiex tagħmel tajjeb

għad-debitu li għandha ma' uliedha u mal-Kummissarju tat-Taxxi sabiex titħallas it-taxxa tas-suċċessjoni relattiva. Qalet li anki kieku hija ma tatx din il-proprjetà b'titolu ta' donazzjoni, il-proprjetà ma kellhiex titqies u tiġi valutata bħala proprjetà likwidabbli għall-finijiet tal-kalkolu tal-mezzi tagħha. L-appellanta qalet li hija ma daħħlet l-ebda qligħ mit-trasferiment ta' dawn il-proprjetajiet, u fi kwalunkwe każ din il-proprjetà ġiet trasferita minnha bosta snin qabel applikat għall-Pensjoni tal-Età. Qalet ukoll li l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali ma jipprovdix għal ċirkostanzi fejn l-appellanta ħallset għas-serviġi b'donazzjoni, u qalet li għalhekk l-appellat kien żbaljat meta kkonkluda li bid-donazzjoni tagħha l-appellanta ċaħħdet lilha nnifisha minn tali proprjetà, meta din il-proprjetà intużat bħala esiġenza ta' kambju għal servizzi pprestati lilha.

13. It-tielet aggravju tal-appellanta huwa li bid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru wassal għal ksur tad-drittijiet tagħha. Qalet li mhux talli hija ġiet żvestita mid-dritt li tibbenefika minn assistenza soċjali, talli tinsab f'ċirkostanzi fejn ma hemm ebda prospett li qatt tista' tkun eliġibbli għall-assistenza soċjali kemm-il darba tiġi kkonfermata d-deċiżjoni tal-appellat.

**Ir-Risposta tal-Appell**

14. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li l-appell interpost huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u għandu jiġi miċħud għaliex jirriżulta ċar li l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu *ai termini* tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta wara li għarbel il-provi kollha tal-każ skont ir-rekwiżiti tal-ġustizzja u l-ekwità. L-appellat qal li għalhekk id-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata. Spjega li fit-12 ta' Novembru, 2020, huwa bagħat jinforma lill-appellanta li l-applikazzjoni tagħha

għall-Pensjoni tal-Età (Mhux Kontributorja) kienet mistħarrġa jew riveduta, u kien ġie deċiż li hija mhijiex jew m'għadhiex aktar intitolata għal din il-pensjoni, minħabba li l-appellat ma kienx sodisfatt li hija ma ddisponietx minn kapital sabiex tibbenefika mill-pensjoni u/jew li hija ma kellhiex kapital li jeċċedi l-iskala stabbilita fil-liġi.

15. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellanta, l-appellat qal li dan huwa infondat. Beda billi qal li l-Qorti tal-Appell m'għandhiex il-kompetenza sabiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi kif għamlu hu u l-Arbitru, u qal li Qorti ta' reviżjoni ma tistax terġa' tidħol fil-valutazzjoni tal-provi b'mod kapriċċuż jew għal raġunijiet superfluwi. Qal li l-appellanta ma tat l-ebda raġuni valida għaliex għandha ssir valutazzjoni tal-provi mill-ġdid. Qal li jirriżulta li fl-20 ta' Novembru, 2015, l-appellanta ddonat sehem minn proprjetajiet immobbli li kellha favur uliedha, fosthom żewġ garaxxijiet fi Triq il-Gandlora, Ħaż-Żebbuġ bl-arja tagħhom, u żewġ fondi urbani ossia mezzanini fil-Mosta. Qal li f'dan il-kuntratt ġie ddikjarat li dawn il-garaxxijiet għandhom valur ta' €80,000 filwaqt li l-mezzanini flimkien għandhom valur ta' €40,000, u għalhekk il-valur totali ta' din id-donazzjoni ammontat għal €120,000. Qal li għalhekk l-appellanta ttrasferiet is-sehem ta' €60,000 favur bintha. L-appellat qal li jirriżulta wkoll li l-appellanta dehret fuq kuntratt ieħor ta' donazzjoni irrevokabbli, li permezz tiegħu hija tat b'titolu ta' donazzjoni il binha n-nofs indiviż ta' dar ġewwa Ħaż-Żebbuġ, liema sehem indiviż ingħata l-valur ta' €40,000, nofs indiviż ta' biċċa art bil-valur ta' €20,000 f'Ħaż-Żebbuġ ukoll, nofs indiviż ta' għalqa fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, liema nofs indiviż ingħata l-valur ta' €5,000, nofs indiviż tad-dirett dominju perpetwu u ċ-ċens annwu u perpetwu ta' €233 fis-sena gravanti razzett

f'Ħaż-Żebbuġ, liema nofs indiviż ingħata l-valur ta' €100, nofs indiviż ta' dar fi stat dilapidat aċċessibbli minn sqaq numru 3, Triq il-Gandlora, Ħaż-Żebbuġ, liema nofs indiviż ingħata l-valur ta' €7,000, u li b'hekk allura l-valur tal-proprjetà li l-appellanta ttrasferiet favur binha huwa ta' €72,100. L-appellat qal li għalhekk biż-żewġ atti ta' donazzjoni magħmula mill-appellanta, il-valur totali tal-proprjetà ttrasferita minnha favur uliedha huwa ta' €132,000. Qal li mill-atti jirriżulta li dawn kienu atti ta' donazzjoni irrevokabbli u ma kinux suġġetti li jiġu reżi serviġi mill-ulied, u lanqas ma ġie indikat li qegħdin jiġu ttrasferiti bħala ħlas għal serviġi reżi. Qal li kieku verament dawn il-proprjetajiet ġew assenjati b'donazzjoni sabiex jiġu reżi serviġi, dan kien jirriżulta mill-att notarili nnifsu. L-appellat qal ukoll li filwaqt li l-appellanta tgħid li l-ishma li messew lilha ma kinux komodament diviżibbli, ma kien hemm xejn x'iwaqqafha milli tbiegħ sehemha minn dawn il-proprjetajiet. Qal ukoll li imkien ma ġie ppruvat li l-appellanta ma sabitx il-bejgħ tal-proprjetà fil-Mosta għaliex din hija suġġetta għal kirja protetta, kif ma nġabet l-ebda prova li l-garaxxijiet huma mibnija illegalment u ma jistgħux jinbiegħu. L-appellat qal li għalhekk għandu jirriżulta li l-appellanta żvestiet ruħha kapriċċjożament, għaliex minkejja li hija kellha sehem f'numru ta' proprjetajiet, din għażlet li tgħaddihom b'donazzjoni. Dwar l-istqarrija tal-appellanta li hija ma kinitx f'pożizzjoni finanzjarja li tħallas it-taxxi relattivi mill-atti dikjaratorji *causa mortis,* l-appellat qal li t-taxxa setgħet faċilment titħallas mir-rikavat tal-bejgħ tal-ishma li hija kellha fil-proprjetajiet, li kieku hija għażlet li tbiegħ minflok tagħti b'titolu ta' donazzjoni. L-appellat qal li lanqas ma tressqet il-prova li ulied l-appellanta qegħdin jippretendu ħlas għall-għajnuna li qegħdin jipprestaw lil ommhom, u għandu jirriżulta wkoll li bint l-appellanta ilha diversi snin tirċievi l-benefiċċju ta' *carer* ta' ommha. L-appellat qal li huwa

irnexxielu jġib il-prova li l-appellanta ddisponiet mir-riżorsi tagħha, liema riżorsi hija setgħet faċilment tbiegħ sabiex tagħmel użu mill-flus li tirċievi. Qal li in kwantu għall-allegazzjoni li l-appellanta ttrasferiet immobbli permezz ta' donazzjoni bħala ħlas ta' serviġi, trid issir prova ta' kemm huwa l-ammont tas-serviġi pprestati, u dan minħabba li l-assi immobbli li ġew ittrasferiti b'titolu ta' donazzjoni għandhom valur sostanzjali, li huwa ħafna aktar minn dak li jitħallas għal serviġi.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, id-Direttur Ġenerali appellat qal li anki dan l-aggravju għandu jirriżulta li huwa infondat. Qal li l-artikolu 66 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi għadd ta' rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti sabiex persuna tkun eliġibbli għall-Pensjoni tal-Età, fosthom ir-rekwiżit li l-mezzi tiegħu/tagħha ma jkunux iżjed mill-ogħla rata ta' Pensjoni tal-Età. Qal li filwaqt li l-appellanta tgħid li l-liġi ma ssemmix persuni legalment separati, jew persuni fis-sitwazzjoni tagħha, m'hemmx dubju li l-kliem tal-leġislatur 'persuna waħedha' jinkludi wkoll persuni legalment separati, tant hu hekk li l-leġislatur għamel distinzjoni bejn persuna waħedha u persuna miżżewġa. Qal li anki li kieku l-appellanta kellha titqies bħala persuna miżżewġa, hija xorta waħda eċċediet il-massimu permess mil-liġi. L-appellat qal li l-liġi tagħmel riferiment ukoll għal kull proprjetà jew dħul li l-persuna konċernata tkun direttament jew indirettament ċaħħdet lilha nnifisha minnha sabiex ikollha jedd għall-Pensjoni tal-Età. Qal li minkejja li l-appellanta tgħid li kellha ishma minn diversi proprjetajiet immobbli, li kieku l-leġislatur ried li fil-kalkolu tat-test tal-mezzi ta' persuna, għall-finijiet tal-għajnuna soċjali, għandu jiġi meqjus biss il-valur ta' kull proprjetà immobbli urbana sħiħa, it-test tal-liġi kien jgħid dan

espressament. Qal li t-test tal-liġi dan ma jgħidux, u għalhekk fit-test tal-mezzi għandu jiġi kkonsidrat il-valur kapitali ta' kwalunkwe sehem li wieħed ikollu fi proprjetà immobbli. Qal li mhemmx dubju li fil-mument li fih l-appellanta tat donazzjoni lil uliedha, din kienet qiegħda teċċedi l-iskala stabbilita ta' €14,000. Qal ukoll li l-fatt li t-trasferimenti saru snin qabel l-appellanta applikat għall-Pensjoni tal-Età ma jibdel xejn, u dan għaliex minħabba l-valur konsiderevoli tal-ishma indiviżi tal-proprjetà trasferita permezz ta' donazzjoni, l-appellanta għadha sal-lum mhijiex eliġibbli għall-Pensjoni tal-Età. Qal li għalhekk huwa kien korrett meta qies li fil-mument li hija ttrasferiet sehemha fil-proprjetajiet tagħha favur uliedha, l-appellanta kellha assi li jeċċedu l-massimu stabbilit fil-liġi, u dak il-fattur waħdu kien biżżejjed biex jiskwalifikaha mill-intitolament.

17. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li dan ukoll huwa infondat. Spjega li fil-każ ta' persuna li tkun wirtet għadd ta' proprjetajiet jew assi, u fejn din tkun għażlet li tagħti ġidha b'donazzjoni, u fejn għalhekk tkun eċċediet l-iskala ta' €14,000 f'każ ta' persuna waħedha jew armla jew ta' €23,300 f'każ ta' persuna miżżewġa, u fejn persuna ma jkollhiex dħul f'dak il-perijodu, il-proċedura segwita mid-Dipartiment hija li d-Dipartiment kien iqis €470 bħala infiq għall-ħajja ta' kull xahar għal persuna *single*, u spjega li minn din is-sena dan l-ammont żdied għal €520. Qal li għalhekk kien jitnaqqas l-ammont ta' €470 fix-xahar (bħalissa €520) sakemm persuna tiġi b'bilanċ ta' assi li huwa inqas minn €14,000, u jerġa' jibda jitħallas il-benefiċċju jew il-pensjoni non-kontributorja. Qal li għalhekk mhuwiex il-każ li d-deċiżjoni tiegħu hija waħda indefinita, jew li persuna ma tista' qatt tirċievi benefiċċju fil-futur. Qal li d-data ta' meta persuna tista' terġa' tibbenefika minn benefiċċju jew pensjoni

mhux kontributorja jiddependi fuq il-valur li jkun qabeż l-€14,000 li minnu jkun iddispona.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

18. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mid-Direttur Ġenerali appellat. L-appellanta qegħda tappella mid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex fil-fehma tagħha dan għamel apprezzament żbaljat tal-provi, naqas milli japplika l-liġi b’mod korrett; u bid-deċiżjoni mogħtija qiegħed jikser id-drittijiet tagħha b’mod indefinit.

*L-ewwel aggravju: apprezzament żbaljat tal-provi*

19. L-appellanta saħqet li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-provi, u li kieku dan evalwa l-provi u daħal fiċ-ċirkostanzi personali tagħha, ma kienx jasal għall-konklużjoni li hija kellha kapital li jeċċedi l-massimu stabbilit fit-Test tal-Mezzi, jew li hija ddisponiet minn assi tagħha sabiex tkun eliġibbli għal dan il-benefiċċju. Spjegat li minkejja li hija wirtet xi ishma minn proprjetà immobbli, dawn l-ishma ma setgħux jiġu likwidati għaliex il-komproprjetarji l-oħra ma kinux disposti li jbiegħu sehemhom, kif ukoll għaliex uħud mill-proprjetajiet huma milquta bi problemi bħal kirjiet protetti u bini illegali, u għalhekk ma kienx ser ikun faċli li dawn jinbiegħu. Qalet li b’żieda ma’ dan, hija kellha tħallas lil uliedha għas-serviġi li ilhom jipprestawlha tul is-snin. L-appellanta qalet li

uliedha jagħmlu ħafna xogħol magħha u jassistuha fil-bżonnijiet tagħha, inkluż dawk finanzjarji, iżda dan jagħmluh bl-aspettattiva ta' ħlas. Qalet li kien għalhekk li hija ttrasferiet favur uliedha l-ishma fil-proprjetajiet imsemmija, bi tpattija u ħlas għal dak kollu li huma għamlu magħha. Qalet ukoll li bintha qatt ma setgħet taħdem bi qligħ minħabba li trid iddur biha, u kien għalhekk li fejn hija ma setgħetx tagħmel tajjeb bi flus, kellha tittrasferixxi l-proprjetà jew l-ishma fil-proprjetà favur uliedha. Qalet ukoll li l-kapital li hija ttrasferiet favur uliedha ma kienx biżżejjed biex jagħmel tajjeb għas-servizzi reżi minnhom lilha.

20. Il-Qorti tirrileva li kienet l-għażla libera tal-appellanta li tittrasferixxi ġid provenjenti minn wirt tal-ġenituri tagħha favur uliedha b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli. Mill-provi jirriżulta li l-appellanta ttrasferiet dawn il-beni favur uliedha sabiex tħallashom għas-serviġi pprestati lilha tul is-snin. L-appellanta qalet ukoll li minħabba fil-kundizzjoni ta' saħħa tagħha, bintha ma tistax taħdem bi qligħ, iżda mill-provi jirriżulta li din fil-fatt qegħda tirċievi dħul għaliex hija rreġistrata bħala l-*carer* ta' ommha. Dan ifisser li bint l-appellanta qegħda titħallas mill-Gvern għax-xogħol li qegħda tagħmel ma' ommha. Il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanta ma kinitx iggwidata tajjeb meta ġiet biex tiddisponi mill-assi li messewha mill-wirt tal-ġenituri tagħha, u minflok rat kif għamlet u llikwidathom jew investiethom sabiex tkun tista' tgħix b'mod komdu, din tathom b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli lil uliehda, sabiex filwaqt li dawn issa huma sidien ta' diversi porzjonijiet ta' beni immobbli ta' valur sostanzjali, ommhom spiċċat iddur fuq id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u titlob l-għajnuna, li ġie deċiż li mhijiex eliġibbli għaliha. Il-Qorti tqis ukoll li filwaqt li l-appellanta insistiet li ma kienx faċli għaliha li tillikwida dawn l-assi għaliex kull waħda mill-

proprjetajiet li messha xi sehem minnhom hija milquta bi problemi, ma nġabet l-ebda prova ta' dan quddiem l-Arbitru. Anki f'każ li xi proprjetà hija suġġetta għal kirja protetta, din xorta waħda tista' tinbiegħ, filwaqt li l-appellanta ma ġabet l-ebda prova li uħud minn dawn il-proprjetajiet huma mibnija mingħajr permess. Li kieku l-appellanta ma riditx 'teħles' minn dan il-ġid billi tittrasferieh favur uliedha, kien hemm mezzi legali li setgħet tadotta sabiex tissana jew tirregolarizza dawn il-proprjetajiet, u l-valur tagħhom fis-suq jibqa' ppreservat. Minflok l-appellanta ddisponiet minn ġidha, u wara xi snin daret fuq id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u talbet benefiċċji soċjali, liema benefiċċji naturalment iridu jitħallsu minn fondi pubbliċi. Il-Qorti ma tarax b'liema mod jew għal liema raġuni l-appellanta qegħda tgħid li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tal-provi, għaliex minn kif jidhru l-affarijiet, hija għażlet li tittrasferixxi ġidha favur uliedha, u wara ftit xhur daret fuq l-Istat u talbet l-għajnuna għall-bżonnijiet tagħha. Dan meta kif xehdet l-appellanta stess, hija ilha ssofri minn problemi ta' saħħa bosta snin, u għalhekk kellha tagħraf tuża b'għaqal il-kapital li messha, u mhux tittrasferieh fuq uliedha b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli, u donnha riedet tiżvesti lilha nnifisha minn kull kapital, sabiex imbagħad ikun l-Istat li jagħmel tajjeb għall-bżonnijiet tagħha. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: l-Arbitru naqas li japplika l-liġi b'mod korrett*

21. L-appellanta saħqet li hija kienet kostretta tagħti l-kapital tagħha b'titolu ta' donazzjoni, u l-Arbitru ma spjegax b'liema mod il-kapital tagħha eċċeda l-massimu stabbilit mil-liġi. Qalet li biex wasal għall-konklużjoni li wasal għaliha,

l-Arbitru m'għamilx apprezzament korrett tal-fatti, għaliex il-liġi tirreferi għal persuni li jgħixu waħedhom u għar-romol, iżda imkien ma ssemmi persuni legalment separati, bħal ma hija l-appellanta. Qalet li għalhekk l-Arbitru m'għamilx apprezzament korrett taċ-ċirkostanzi partikolari tagħha, u minn eżami tal-provi m'għandux jirriżulta li hija ddisponiet mill-kapital tagħha sabiex tikkwalifika għall-Pensjoni tal-Età (Mhux Kontributorja). L-appellanta tgħid li meta hija ttrasferiet il-proprjetà b'titolu ta' donazzjoni favur uliedha, hija m'għamlet l-ebda qliegħ u li fi kwalunkwe każ għandu jirriżulta li t-trasferiment in kwistjoni seħħ bosta snin qabel hija applikat għall-pensjoni.

22. Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-aggravju tagħha l-appellanta naqset milli tindika b'mod ċar għal liema raġuni l-Arbitru għandu jitqies li applika l-liġi b'mod ħażin. Jirriżulta li meta evalwa ċ-ċirkostanzi tal-appellanta, ġie stabbilit li xi żmien qabel ma applikat għall-benefiċċju tal-Pensjoni tal-Età (Mhux Kontributorja), l-Arbitru kkonkluda li hija kienet ittrasferiet beni tagħha b'tali mod li iddisponiet minn ġidha sabiex tikkwalifika għall-benefiċċju soċjali li applikat għalih. L-appellanta, li hija legalment separata, hija meqjusa li taqa' taħt il-faxxa ta' persuni li jgħixu waħedhom jew li huma romol, u għalhekk il-kapital massimu permissibbli huwa ta' €14,000. F'każ li dak il-kapital jinqabeż, il-persuna titqies li m'għadhiex eliġibbli għal dik l-għajnuna. Huwa fatt indiskuss li l-ishma ttrasferiti mill-appellanta favur uliedha għandhom valur sostanzjali, u li għalhekk fil-mument tat-trasferiment hija kellha kapital li jeċċedi l-massimu stabbilit bil-liġi (€14,000) għal persuna li tgħix waħedha. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *preġudizzju indefinit*

23. L-appellanta tgħid li fil-każ odjern id-Direttur Ġenerali appellat iddeċieda li fil-preżent hija m'għandha l-ebda dritt għall-assistenza, u milli jidher m'hemm l-ebda prospett li hija ser tkun eliġibbli għall-għajnuna fil-futur.

24. L-appellat spjega li f'każijiet bħal dawn isir eżerċizzju fejn jiġi stabbilit kemm huwa l-valur tal-assi li persuna tkun ittrasferiet favur terzi b'atti ta' donazzjoni, u minn dan il-valur jitnaqqas l-ammont ta' €470 fix-xahar (fil-preżent €520), liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż li persuna għandha bżonn għall-ħajja ta' kuljum, u dan sakemm jinqata' l-valur kollu tal-proprjetà ttrasferita u persuna tibqa' b'bilanċ ta' anqas minn €14,000, li huwa l-massimu permess mil-liġi.

25. Il-Qorti tirrileva li l-appellanta talbet li tingħata Pensjoni tal-Età (Mhux Kontributorja) minkejja li hija għadha ma laħqitx l-età tal-irtirar. Skont dak li spjega d-Direttur Ġenerali appellat, mhux il-każ li l-appellanta ser tibqa' ppreġudikata għal ħajjitha kollha b'din id-deċiżjoni, iżda sfortunatament l-għażliet xejn għaqlin li hija għamlet meta ttrasferiet sehemha minn proprjetajiet li messewha mill-wirt tal-ġenituri tagħha, ser ikollhom impatt fuq l-eliġibbilità tagħha għal xi forma ta' għajnuna soċjali, almenu sakemm jitqies li l-appellanta m'għadx għandha kapital suffiċjenti sabiex teċċedi t-test tal-mezzi. Mhijiex id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat jew tal-Arbitru li qegħda ċċaħħad lill-appellanta mill-benefiċċji mitluba minnha, iżda l-għażliet li għamlet hi, anki jekk forsi ma kinitx iggwidata tajjeb meta hija għamlithom. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**